# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

## Seduta numru 33 tas-7 Leġislatura
## L-Erbgħa 23 ta' Settembru, 2015

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 33 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar L-Erbgħa 23 ta' Settembru 2015, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Hruġ ta' Sejħiet ta' Offerti Ġodda
5. Affarijiet Mixxelanji

Għall-din is-Seduta kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku Eman Vella, u il-Kunsillier Elizabeth Ebejer, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Mario Sammut u l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Sarah Chetcuti kien skużati.

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Paul Vella.

**1 Minuti**

Punti mill-minuti

**1.1** Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati.

**2. Korrispondenza**

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 Eman Vella informa li kien għamel kuntatt mal-fotografu Mark Zammit Cordina li kien beħsibu jtella' wirja ta' ritratti antiki u aktar riċenti tal-Imġarr. Il-pjani hu li din il-wirja titella' fil-bini tal-Kunsill għall-tmiem is-sena.

3.2 Eman Vella informa wkoll li kien għamel ftit riċerka dwar possibilitajiet ta' proġett Ewropej, fil-programm tal-MED, u li kien sab xi proposti dwar Arti u Arkeoloġija li setgħu ikunu ta' interess għall-Imġarr. Ser ikun qed jara aktar fid-dettall u jirrapporta lura dwar dan.

3.3 Is-Sindku informa li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, fit-18 ta' Settembru kienu attendew għall-laqgħa ma' rappreżentanti tal-WasteServ dwar l-introduzzjoni tal-ġbir tal-iskart organiku. Dan il-proġett jinkludi :

- i. introduzzjoni tal-proġett fl-Imġarr mill-ewwel ġimgħat tal-2016;
- ii. ġbir ta' skart organiku isir darbtejn fil-ġimgħa, jiġifieri nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ġimgħa;
- iii. ir-residenti ser jingħataw borża bajda u kontenitur biex jitfgħu l-iskart organiku fihom. Il-borża ser titqassam mill-Kunsill;
- iv. il-Kunsill għandu jara jekk hemmx bżonn ta' modifikazzjoni fis-servizz peress li idealment, meta tinġabar il-borża il-bajda, din tinġabar minn kullimkien anke' mill-hamlets;
- v. il-kuntatti ta' WasteServ fuq dan il-proġett huma is-Sa. Yanica Ellul u is-Sinjur Clyde Falzon.

## 4. Hruġ ta' Offerti Ġodda

4.1 Ġie diskuss il-pjan biex tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti għall-kisi tal-wiċċ artifiċjali fil-grawnd anness mal-bandli ta Wesgħat il-Ġublew.

4.2 Wara li kienet inħarġet sejħa għall-dan ftit aktar kmieni matul din is-sena, imma il-proposti ma kienux skond dak li l-kunsill kellu f' moħħu, il-Kunsill iddeċieda li tinħareġ sejħa oħra u dawk li kienu taw l-offerta tagħha fl-aħħar sejħa jipi infurmati dwar dan.

4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qiegħed jitlob specifications ġodda mingħand il-perit tal-Kunsill, u wara li jirċievi dawn, tinħareġ is-sejħa il-ġdida.

4.4 Is-Sindku ippropona wkoll li jinġabru stimi għall-xogħol fuq l-aperturi tal-librerija pubblika u tal-berġa fl-Imġarr. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 5. Affarijiet Mixxellanji

5.1 Is-Sindku Paul Vella informa li skond l-istatistika tal-librerija, is-self tal-kotba żdied b' aktar minn 3 darbiet matul is-sajf. Dan jixhed li l-investiment tal-Kunsill fil-librerija qiegħed iħalli ir-riżultat mixtieq.

5.2 Eman Vella informa li l-proġett tal-Miżura 313 fuq xogħol in-naħa ta' Tad-Darrenzi fuq Triq Għajn Tuffieħa għadu qed jistenna il-permess tal-MEPA sabiex dan ix-xogħol iseħħ.

**Kunsill Lokali L-Imġarr**

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fit-8:10pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 28 ta' Ottubru 2015.

*Cyprian Dalli*
Segretarju Ezekuttiv

*Paul Vella*
Sindku